TRIBUNAL GHAT-TALBIET TAL-KONSUMATURI

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

CCT/220/11/S

Carmen u Lawrence Vassallo

Vs

A.P.A.N.

Illum 4 ta'Jannar,2012.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Carmen u Lawrence konjuġi Vassallo datata 10 ta'Mejju,2011 u r-risposta ta' A.P.A.N. datata 3 t'Ottubru,2011;

Ra d-dokumenti ppreżentati, sema' lill-partijiet u t-trattazzjoni magħmula fit-2 ta'Dicembru,2011;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda ilment waqt 'weekend break' organizzat mill-A.P.A.N. u partikolarment fuq ċertu tip ta' ikel offrut;

Illi jingħad mal-ewwel li meta persuna tmur għal xi avveniment organizzat, dan ifisser li jaqbel ma' dak reklamat u offrut u jekk ikun hemm xi bżonnijiet speċjali, dawn għandhom jiġu imsemmija fil-bidu preferibilment qabel persuna tibbukkja;

Illi skont il-President tal-A.P.A.N., ħadd mir-rikorrenti ma kien informa lill-organizzaturi b'xi bżonnijiet speċjali fuq l-ikel;

Illi mix-xhieda jirriżulta li dak reklamat, ġie effettivament offrut anzi gie offrut ikel alternattiv daparti tar-ristorant fejn kienu qed jieklu;

Illi hu prinċipju ben stabbilit li "min jallega jrid jipprova" u dan fuq l-istreqwa tal-massima "*incumbit probation ei qui dicat non ei qui negat*" kif spjegat fid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) tat-13 ta'Jannar,1999 fl-ismijiet "Gemma Cassar Saetta vs Imco Distributors Limited";

Illi dan it-Tribunal iħoss li r-rikorrenti ma ppruvawx il-każ tagħhhom;

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq spjegati u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeċiedi billi Jiċħad it-talba tar-rikorrenti Carmen u Lawrence konjuġi Vassallo u Jilqa' l-eċċezzjonijiet tal-A.P.A.N., b'kull parti tħallas l-ispejjeż tagħha ta' dawn il-proċeduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru

47A, TRIQ NOFS IN-NHAR, VALLETTA VLT 1101 - MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888